MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 1105/2003/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat fl-24 ta' Ottubru 2003 li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijet izzewgu fil-11 ta' Gunju 1989, u minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tlett itfal, Julian, Francesca u Peter, li ghadhom minorenni; li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi u ngurji gravi da parti tal-konvenuta, u billi din warrbet lil zewgha ghal persuna jew persuni ohra; li l-partijiet ghadhom jghixu fid-dar konjugali li hija proprjeta' parafernali ta' l-attur; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali, bi htija esklussiva tal-konvenuta kif fuq indikat; [2] tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri lill-attur b' access favur il-konvenuta fil-

granet u hinijiet stabbiliti mill-Qorti; [3] tawtorizza lill-attur sabiex, flimkien ma' uliedu, jghixu separatament mill-konvenuta fid-dar parafernali proprjeta' tieghu; [4] alternattivament, fl-interess tal-minuri, l-mara tibqa' tghix fid-dar matrimonjali proprjeta' parafernali ta' l-attur, izda separata minnu, u li l-kura u kustodja tat-tfal minuri tkun fdata liz-zewg partijiet konguntivament, b' access liberu ghat-tnejn skond l-ezigenzi u l-interessi tal-minuri; [5] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost, in toto jew in parte, ta' l-artikolu 48[1] tal-Kap.16; [6][7] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u tillikwidaha; bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet: [1] li taqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda tort ta' l-attur; [2] li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament lill-konvenuta; [3] li ma tezisti ebda raguni valida li ghaliha l-konvenuta ghandha tallontana mid-dar konjugali; [4] li d-dar matrimonjali hija proprjeta' taz-zewg partijiet f' sehem indiviz bejniethom; [5] li ma hemmx ragunijiet validi ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 fil-konfront tal-konvenuta;

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, l-affidavits prezentati, u r-rapport tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Claire Bonello;

Rat li din il-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza numru 1088/03 fl-ismijiet inversi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta, stante li l-hajja konjugali bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli esklussivament lill-konvenuta; kif ukoll talab sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta cahdet dak allegat mill-attur fil-konfront taghha, kif ukoll il-pretensjonijiet tieghu, filwqat li ghamlet referenza ghall-atti tal-kawza precitata.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha llum fil-kawza fuq indikata, bin-numru 1088/03, u taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzjonijiet hemm raggjunti.

Ghal dawn ir-raguni tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament, u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad ir-raba' talba, filwaqt li tirrileva li l-materja tal-kura u kustodja tal-minuri u ta' l-access ghall-istes giet deciza fil-kawza fuq citata;
[5] tichad il-hames talba;
[6] tilqa' is-sitt talba, fis-sens gja deciz;
[7] tilqa' is-seba' talba, fis-sens gja deciz;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------